Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PRIIT PIKAMÄE
ippreżentati fit-23 ta’ Marzu 2023[1]

**Kawża C-209/22**

**Proċeduri kriminali**
**fil-preżenza ta’:**
**Rayonna prokuratura Lovech, TO Lukovit**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta’ Lukovit, il-Bulgarija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali – Direttiva 2013/48/UE – Proċedura kriminali prekontenzjuża – Miżura koerċittiva ta’ tfittxija fiżika u ta’ qbid – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tirregolax il-kwalità ta’ persuna ssuspettata – Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati waqt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta’ kisba ta’ provi”

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta’ Lukovit, il-Bulgarija) skont l-Artikolu 267 TFUE, għandha bħala suġġett l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali[2], tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2013 dwar id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta’ mandat ta’ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma’ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà[3] u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem, il-“Karta”) kif ukoll il-prinċipju tal-legalità u tal-effettività.

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali mibdija kontra AB għaż-żamma ta’ sustanzi illegali. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar il-protezzjoni, fir-rigward tad-dritt għall-informazzjoni u għall-aċċess għal servizzi ta’ avukat, prevista mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48, li għandha tibbenefika minnha persuna li, fil-fażi preliminari

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU 2012, L 142, p. 1.
3 ĠU 2013, L 294, p. 1.

tal-proċedura kriminali, tkun is-suġġett ta' tfittxija fiżika u ta' qbid tal-beni fil-pussess tagħha. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-mezzi vinkolanti ta' ġbir ta' provi li d-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu stabbiliti. Din il-kawża tqajjem għalhekk kwistjonijiet sensittivi marbuta mal-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fl-interess ta' applikazzjoni koerenti tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll ta' protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva 2012/13*

3. Taħt it-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2012/13 jipprevedi:

"Din id-Direttiva tapplika minn meta l-persuni jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu reat sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċeduri, jiġifieri meta tintlaħaq deċiżjoni finali dwar jekk is-suspettat jew il-persuna akkużata tkunx wettqet ir-reat kriminali jew le, inkluż, fejn applikabbli, l-għoti tas-sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell."

4. L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jingħataw fil-pront informazzjoni dwar tal-anqas id-drittijiet proċedurali li ġejjin, kif dawn japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dawk id-drittijiet:

a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;

b) kwalunkwe dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kondizzjonijiet biex jinkiseb tali parir;

c) id-dritt li l-persuna tkun informata bl-akkuża, f'konformità mal-Artikolu 6;

d) id-dritt għal interpretar u traduzzjoni;

e) id-dritt li persuna tibqa' siekta.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni provduta taħt il-paragrafu 1 għandha tingħata bil-fomm jew bil-miktub, f'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, b'kont meħud ta' kwalunkwe bżonnijiet partikolari ta' suspettati vulnerabbli jew ta' persuni akkużati vulnerabbli."

5. L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Verifika u Rimedji", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tingħata informazzjoni lis-suspettati jew lill-persuni akkużati f'konformità mal-Artikoli 3 sa 6 dan jiġi rreġistrat, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrazzjoni speċifikata fil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom ikollhom id-dritt ta' kontestazzjoni, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva."

*2. Id-Direttiva 2013/48*

6. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2013/48 huwa fformulat kif ġej:

"Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà. Din tapplika sal-konklużjoni tal-proċedimenti, li huwa mifhum li tfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkuż fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell."

7. L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.

2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:

a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;

b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;

c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;

d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.

3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:

a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. [...]

c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:

i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;

ii) konfrontazzjonijiet;

iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.

[…]

6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:

[…]

b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali."

8. Taħt it-titolu "Rimedji", l-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, kif ukoll persuni rikjesti fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew ikollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f'każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli u s-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi proċedimenti kriminali, fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew ta' provi miksuba permezz ta' ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn tkun ġiet awtorizzata deroga għal dan id-dritt f'konformità mal-Artikolu 3(6), id-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti jiġu rispettati."

### *B. Id-dritt Bulgaru*

9. Konformement mal-Artikolu 54 tan-Nakazatelno protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali), fis-seħħ mid-29 ta' April 2006 (DV Nru 86, tat-28 ta' Ottubru 2005, iktar 'il quddiem in-"NPK"), il-persuna akkużata hija l-persuna li, f'din il-kwalità, hija s-suġġett ta' proċeduri kriminali fil-kundizzjonijiet u skont il-modalitajiet previsti minn dan il-kodiċi.

10. Taħt it-titolu "Drittijiet tal-persuna akkużata", l-Artikolu 55 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"(1) Il-persuna akkużata tgawdi d-drittijiet li ġejjin: li ssir taf liema ksur qed jiġi allegat fil-konfront tagħha u abbażi ta' liema prova; li tipprovdi jew tirrifjuta li tipprovdi spjegazzjonijiet dwar l-akkuża; li tieħu konjizzjoni tal-fajl, inkluża l-informazzjoni miksuba b'mezzi speċjali ta' investigazzjoni, u li tikseb l-estratti neċessarji; li tipproduċi provi; li tipparteċipa fil-proċeduri kriminali; li tagħmel talbiet, kummenti u oġġezzjonijiet; li tesprimi ruħha fl-aħħar; li tippreżenta rikors kontra l-atti li jiksru d-drittijiet tagħha u l-interessi leġittimi tagħha; u li jkollha avukat. Il-persuna akkużata għandha d-dritt li l-avukat tagħha jipparteċipa fl-eżekuzzjoni tal-atti

fil-kuntest tal-investigazzjoni u tal-atti proċedurali l-oħra li hija tipparteċipa fihom, ħlief jekk tirrinunzja espressament għal dan id-dritt. […]

(2) Il-persuna akkużata għandha d-dritt li tirċievi informazzjoni ġenerali li tiffaċilita l-għażla tal-avukat tagħha. Hija għandha d-dritt li tikkomunika liberament mal-avukat tagħha, li tiltaqa' miegħu fil-privat, li tirċievi pariri u kull għajnuna legali oħra, inkluż qabel il-bidu u matul l-iżvolġiment tal-interrogazzjoni, u fil-kuntest tal-atti proċedurali l-oħra kollha li fihom tipparteċipa l-persuna akkużata.

[…]

11. L-Artikolu 164 tal-istess kodiċi, intitolat "Tfittxija", jipprovdi:

"(1) It-tfittxija ta' persuna fil-kuntest ta' proċedura preliminari, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' mħallef tal-qorti tal-ewwel istanza kompetenti jew tal-qorti tal-ewwel istanza li fil-ġurisdizzjoni tagħha jitwettaq l-att, hija awtorizzata:

1. fil-każ ta' ċaħda tal-libertà;

2. meta jeżistu raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-persuni preżenti waqt il-perkwiżizzjoni ħbew oġġetti jew dokumenti rilevanti għall-kawża.

(2) It-tfittxija ssir minn persuna tal-istess sess, fil-preżenza ta' persuni meħtieġa sabiex jassistu għall-proċedura li huma tal-istess sess.

(3) Il-proċess verbal tal-att ta' investigazzjoni mwettaq għandu jiġi ppreżentat lill-qorti għall-approvazzjoni, mingħajr dewmien u mhux iktar tard minn 24 siegħa."

12. Taħt it-titolu "Proċedura preliminari", l-Artikolu 212 tan-NPK jipprevedi:

"(1) Il-proċedura preliminari tinfetaħ permezz ta' ordni tal-prosekutur pubbliku.

(2) Il-proċedura preliminari għandha titqies li nfetħet bi stabbiliment ta' proċess verbal tal-ewwel att tal-investigazzjoni, meta titwettaq spezzjoni li tinkludi konstatazzjoni, perkwiżizzjoni, qbid jew interrogazzjoni tax-xhieda, meta t-twettiq immedjat ta' dawn l-atti jkun jikkostitwixxi l-unika possibbiltà li jinġabru u jinżammu provi, kif ukoll meta ssir tfittxija skont il-modalitajiet tal-Artikolu 164.

(3) L-awtorità investigattiva li tkun wettqet att imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tinforma b'dan lill-prosekutur pubbliku mingħajr dewmien u mhux iktar tard minn 24 siegħa."

13. L-Artikolu 219 ta' dan il-kodiċi, intitolat "Imputazzjoni – Akkuża u preżentazzjoni tal-ordni " jipprovdi:

"(1) Meta jkunu nġabru biżżejjed provi tal-ħtija ta' persuna minħabba li tkun wettqet reat ta' dritt komuni u meta ma jkun hemm l-ebda raġuni għall-għeluq tal-proċeduri kriminali, l-awtorità investigattiva għandha tirrapporta lill-prosekutur u għandha timputa [jew tordna li l-persuna tiġi akkużata] lill-persuna billi tadotta ordni għal dan il-għan.

(2) L-awtorità investigattiva tista' wkoll timputa (jew takkuża) lill-persuna billi tħejji proċess verbal tal-ewwel att ta' investigazzjoni mwettaq kontriha; hija għandha tirrapportaha lill-prosekutur pubbliku.

(3) L-ordni ta' imputazzjoni (jew ta' akkuża) u l-proċess verbal imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jindikaw:

1. id-data u l-post tal-ħruġ tagħhom;

2. l-awtorità emittenti;

3. l-isem sħiħ tal-persuna imputata, ir-reat li hija akkużata bih kif ukoll il-klassifikazzjoni ġuridika tiegħu;

4. il-provi li fuqhom hija bbażata l-imputazzjoni, sa fejn din l-indikazzjoni ma tipperikolax li tostakola l-investigazzjoni;

5. il-miżura li tirrestrinġi l-libertà, jekk tiġi imposta;

6. id-drittijiet tal-persuna akkużata li jirriżultaw mill-Artikolu 55 inkluż id-dritt tagħha li tirrifjuta li tagħti spjegazzjonijiet, kif ukoll id-dritt tagħha li tiddisponi minn avukat imqabbad jew kommess.

[…]

(8) Sakemm ma tkunx issodisfat l-obbligi tagħha msemmija fil-paragrafi 1 sa 7, l-awtorità investigattiva ma tistax twettaq atti ta' investigazzjoni li jinvolvu l-parteċipazzjoni tal-persuna akkużata."

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. Il-kawża prinċipali, pendenti quddiem ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit), tirrigwarda talba tal-prosekutur pubbliku tar-Rayonna prokuratura Lovech (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lovetch, il-Bulgarija), intiża sabiex jiġu approvati, *a posteriori*, tfittxija tal-persuna u qbid magħmul kontra l-persuna ta' AB.

15. Fit-8 ta' Frar 2022, tliet spetturi tal-pulizija mill-belt ta' Lukovit waqqfu u ċċekkjaw vettura misjuqa minn IJ li fiha kienu preżenti wkoll sħabu AB u KL. Qabel ma s-sewwieq tal-vettura kien ittestjat għad-drogi narkotiċi, AB u KL iddikjaraw quddiem l-ispetturi tal-pulizija li kellhom sustanza narkotika fil-pussess tagħhom. Din l-informazzjoni ġiet trażmessa lill-pulizija li kien servizz l-għassa tad-distrett ta' Lukovit inkarigat mill-investigazzjoni, li fassal proċess verbal tal-komunikazzjoni orali tat-twettiq ta' reat.

16. Peress li t-test tal-iskrining tas-sewwieq kellu riżultat pożittiv, spettur tal-pulizija wettaq spezzjoni tal-vettura. Barra minn hekk, AB kien is-suġġett ta' tfittxija fiżika u, f'dan ir-rigward, ġie stabbilit proċess verbali "ta' tfittxija u qbid imwettaq b'urġenza u suġġetti għal approvazzjoni *a posteriori* mill-qorti". F'dan il-proċess verbal, il-pulizija responsabbli mill-investigazzjoni indika li

din it-tfittxija saret għal raġunijiet marbuta ma' indizji suffiċjenti ta' pussess ta' oġġetti pprojbiti mil-liġi u fil-kuntest tal-proċedura preliminari li nfetħet mir-Rayonno upravlenye Lukovit (l-għassa tal-pulizija tad-distrett ta' Lukovit, il-Bulgarija).

17. Waqt din it-tfittxija, instabet sustanza narkotika fuq AB. Għalhekk, fit-8 ta' Frar 2022, il-pulizija responsabbli għall-investigazzjoni informa lill-prosekutur distrettwali ta' Lovetch bir-riżultati ta' din it-tfittxija u li huwa kien beda proċedura preliminari f'dan ir-rigward. Fil-kuntest tal-proċedura preliminari diġà mibdija, wara t-twettiq tat-tfittxija u ladarba fl-għassa tal-pulizija, AB ta spjegazzjonijiet bil-miktub u kkonferma li s-sustanzi skoperti fuqu kienu drogi narkotiċi għall-konsum personali tiegħu.

18. Fid-9 ta' Frar 2022, il-prosekutur pubbliku ressaq quddiem ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit) talba għal approvazzjoni tal-proċess verbal tat-tfittxija fiżika u tal-qbid imwettaq kontra AB.

19. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kwistjoni jekk l-istħarriġ ġudizzjarju previst mid-dritt nazzjonali dwar il-miżuri koerċittivi ta' amministrazzjoni tal-prova matul il-fażi preliminari tal-proċeduri kriminali jikkostitwixxix garanzija suffiċjenti tar-rispett tad-drittijiet tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati, kif previst mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48.

20. B'mod partikolari, qabelxejn, din il-qorti tindika li d-dritt nazzjonali ma jinkludix regoli ċari dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-mezzi vinkolanti ta' ġbir ta' provi fil-kuntest tal-proċedura preliminari u li, skont il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, l-istħarriġ tal-perkwiżizzjoni, tat-tfittxija fiżika u tal-qbid jirrigwarda l-legalità formali tagħhom. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") ikkundannat diversi drabi lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ksur tal-Artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

21. Sussegwentement, l-imsemmija qorti tiddikjara li d-dritt Bulgaru ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna ssuspettata", iżda dak ta' "persuna akkużata", skont id-deċiżjoni tal-prosekutur jew tal-awtorità investigattiva, u li, matul il-proċedura preliminari, teżisti prattika stabbilita sew tal-pulizija u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur li tikkonsisti fid-dewmien tal-mument, li minnu l-persuna kkonċernata titqies bħala "persuna akkużata", li, fil-fatt, għandu l-konsegwenza li jiġu evitati l-obbligi relatati mar-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-persuni ssuspettati.

22. Fl-aħħar, kemm mid-duttrina kif ukoll mill-ġurisprudenza nazzjonali, jirriżulta li l-qorti kompetenti, anki meta tkun konvinta li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata ma ġewx irrispettati, ma tistax tistħarreġ l-imputazzjoni jew l-akkuża tagħha għaliex dan jippreġudika l-prerogattiva kostituzzjonali tal-prosekutur pubbliku li jibda proċeduri kriminali. F'każ bħal dan, il-qorti li tistħarreġ il-miżuri restrittivi tal-proċedura preliminari tista' biss taċċetta l-att ta' investigazzjoni peress li dan ikun twettaq f'kundizzjonijiet ta' urġenza, anki jekk dan jimplika ksur tad-drittijiet tad-difiża.

23. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li, anki jekk id-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna suspettata", l-Artikolu 219(2) tan-NPK jista', bħala prinċipju, jiggarantixxi d-drittijiet tad-difiża ta' persuni li fir-rigward tagħhom ma jeżistux provi suffiċjenti tal-ħtija tagħhom iżda li, minħabba l-ħtieġa li jitwettqu atti ta' investigazzjoni, jingħataw l-istatus proċedurali ta' "persuni akkużati" u għalhekk ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet imsemmija

fl-Artikolu 55 tan-NPK, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Madankollu, din id-dispożizzjoni proċedurali ma hijiex ċara u hija applikata b'mod ambigwu u kontradittorju, jew saħansitra, ma tiġix applikata.

24. Issa, il-qorti tar-rinviju ma għandha l-ebda dubju dwar il-fatt li, f'dan il-każ, AB għandu l-kwalità ta' persuna "akkużat[a] b'reat kriminali" fis-sens tal-KEDB, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, indipendentement mis-soluzzjonijiet legali nazzjonali. Madankollu, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, persuna tista' tibbenefika mid-drittijiet tad-difiża tagħha biss jekk tkun kisbet l-istatus ta' persuna akkużata, li jiddependi mir-rieda tal-awtorità li tmexxi l-investigazzjoni taħt is-sorveljanza tal-prosekutur pubbliku. F'dan ir-rigward, din il-qorti tqis li l-fatt li ma tiġix ipprovduta informazzjoni u li ma tingħatax l-aċċess għal avukat fi stadju bikri tal-proċedura kriminali jikkostitwixxi difett proċedurali irrimedjabbli, li jista' jivvizzja n-natura ġusta u ekwa tal-proċeduri kriminali ulterjuri kollha.

25. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Il-fatti li fihom, waqt l-investigazzjoni dwar ksur marbut mal-pussess ta' narkotiċi, miżuri ta' koerċizzjoni jkunu ttieħdu fil-forma ta' tfittxija fuq il-persuna u sekwestru kontra persuna fiżika li l-pulizija tissuspetta li hija fil-pussess ta' narkotiċi, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttivi 2012/13 u 2013/48]?

2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, x'inhuwa l-istatus ta' tali persuna fis-sens tad-Direttivi, meta d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett legali ta' 'persuna ssuspettata' u meta l-persuna ma tkunx tqiegħdet taħt l-istatus ta' 'persuna akkużata' permezz ta' notifika uffiċjali, u tali persuna għandha tingħata d-dritt li tiġi informata u li tirċievi informazzjoni kif ukoll li jkollha aċċess għal avukat?

3. Il-prinċipju ta' legalità u l-projbizzjoni tal-arbitrarjetà jawtorizzaw leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma huwa l-Artikolu 219(2) tan-[NPK], li jipprevedi li l-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni tista' wkoll tqiegħed lill-persuna taħt l-istatus ta' persuna akkużata permezz tar-redazzjoni ta' minuti [proċess verbal] tal-ewwel att ta' investigazzjoni dirett kontriha, meta d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett legali ta' 'persuna ssuspettata' u meta d-drittijiet tad-difiża jqumu, skont id-dritt nazzjonali, biss mill-mument li fih il-persuna kkonċernata titqiegħed taħt l-istatus ta' 'persuna akkużata', li min-naħa tagħha titħalla fid-diskrezzjoni tal-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni, u tali proċedura nazzjonali tippreġudika l-eżerċizzju effettiv u l-essenza nfisha tad-dritt ta' aċċess għal avukat imsemmi fl-Artikolu 3(3)(b) tad-Direttiva 2013/48?

4. Il-prinċipju ta' effett utli tad-dritt tal-Unjoni jawtorizza prattika nazzjonali fejn l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda għall-finijiet tal-ġbir tal-provi, inklużi t-tfittxija fuq il-persuna u s-sekwestru matul l-investigazzjoni preliminari, ma jippermettix li jiġi vverifikat jekk twettaqx ksur suffiċjentement serju tad-drittijiet fundamentali tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati, iggarantiti permezz tal-Artikoli 47 u 48 tal-[Karta, kif ukoll mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48]?

5. Il-prinċipju ta' Stat tad-dritt jawtorizza dispożizzjonijiet u ġurisprudenza nazzjonali skont liema l-qorti ma hijiex awtorizzata tistħarreġ it-tqegħid ta' persuna taħt l-istatus ta' persuna akkużata, meta huwa preċiżament u esklużivament minn dan l-att formali li jiddependi l-għoti jew le tad-drittijiet tad-difiża lil persuna fiżika meta din tkun is-suġġett ta' miżuri ta' koerċizzjoni għall-finijiet tal-investigazzjoni?"

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. Id-deċiżjoni tar-rinviju tat-18 ta' Marzu 2022 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum.

27. Il-Gvern Ungeriż u dak Olandiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

28. Waqt il-laqgħa ġenerali tas-17 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma żżommx seduta għas-sottomissjonijiet orali.

## V. Analiżi ġuridika

### *A. Rimarki preliminari*

29. Skont l-Artikolu 67 TFUE, l-Unjoni tikkostitwixxi "spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti ta' l-Istati Membri". Peress li r-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u deċiżjonijiet oħra ta' awtorità ġudizzjarja huwa kkunsidrat bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali fi ħdan l-Unjoni, huwa evidenti li dan jippresupponi fiduċja reċiproka fis-sistemi ġudizzjarji rispettivi. Fil-fatt, ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet kriminali jista' jkun effettiv biss fi klima ta' fiduċja, li fi ħdanha mhux biss l-awtoritajiet ġudizzjarji, iżda wkoll l-atturi kollha tal-proċeduri kriminali, jikkunsidraw id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri l-oħra bħala ekwivalenti għal tagħhom. L-approssimazzjoni tal-liġijiet kriminali, inklużi regoli dwar il-protezzjoni u drittijiet proċedurali, hija għalhekk wieħed mill-mezzi privileġġati użati sabiex jissaħħaħ ir-rikonoxximent reċiproku u sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti [4].

30. Id-Direttivi 2012/13 u 2013/48 jagħmlu parti minn sensiela ta' miżuri leġiżlattivi intiżi preċiżament sabiex jistabbilixxu regoli minimi komuni fil-qasam tad-drittijiet proċedurali. Id-Direttiva 2012/13 fiha regoli li għandhom jiġu applikati fil-qasam tal-informazzjoni tal-persuni ssuspettati b'reat kriminali jew akkużati f'dan ir-rigward, filwaqt li d-Direttiva 2013/48 tintroduċi regoli dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri kriminali. Dawn id-drittijiet, li jikkostitwixxu l-espressjoni tad-dritt għal proċess ġust u ekwu fil-qasam kriminali, huma stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-KEDB, li jagħtihom status kostituzzjonali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

[4] D. Zerouki-Cottin, "À propos de la directive du 22 octobre 2013 relative au droit à l'avocat et de ses suites", *Revue internationale de droit pénal*, Vol. 85, 2014/3-4, punt 20; Suominen, A., "The sensitive relationship between the different means of legal integration: mutual recognition and approximation", fi Brière, C., u Weyembergh, A. (dir.), *The Needed Balances in EU Criminal Law*, Hart Publishing, Oxford 2017, p. 170.

31. Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija obbligata, bħall-Istati Membri l-oħra kollha, li tittrasponi l-imsemmija direttivi fl-ordinament ġuridiku intern tagħha. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li għalkemm il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li proċedura ta' ksur inbdiet reċentement kontra r-Repubblika tal-Bulgarija f'dan ir-rigward, xorta jibqa' l-fatt li r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari għandu jkun limitat għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni, skont il-ġurisdizzjoni li jagħtiha l-Artikolu 267 TFUE. Ċertament, dan ma jipprekludix lill-qorti nazzjonali milli tislet il-konsegwenzi neċessarji minn interpretazzjoni li eventwalment tipprekludi l-prinċipji tad-dritt nazzjonali sabiex tiġi żgurata s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

32. L-ewwel żewġ domandi preliminari jikkonċernaw l-applikabbiltà tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 għall-fatti tal-kawża prinċipali. Min-naħa l-oħra, it-tliet domandi preliminari l-oħra jirrigwardaw, essenzjalment, il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni Bulgara fis-seħħ, peress li din tal-aħħar hija kkaratterizzata minn xi partikolaritajiet deskritti mill-qorti tar-rinviju. Sa fejn it-tieni u l-ħames domanda jippreżentaw sovrappożizzjonijiet tematiċi, ser nittrattahom flimkien fil-kuntest tal-analiżi tiegħi. Fl-aħħar, ir-raba' domanda ser tiġi ttrattata qabel it-tielet domanda minħabba li teżiġi interpretazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta.

## ***B. Fuq l-ewwel domanda preliminari***

### *1. Il-kriterji li jagħtu lok għall-applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48*

33. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk sitwazzjonijiet fattwali li fihom att vinkolanti, b'mod partikolari tiftix u/jew qbid, twettaq matul investigazzjoni kontra persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa neċessarju li qabel kollox jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi.

34. Kif ser naraw iktar 'il quddiem, qabel kollox għandu jiġi ddeterminat, permezz tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, *f'liema stadju tal-proċeduri kriminali* għandhom jingħataw id-drittijiet proċedurali ggarantiti minn dawn id-direttivi lill-persuna kkonċernata. *It-tip ta' miżuri li għalihom il-persuna kkonċernata hija esposta* fil-kuntest tal-proċeduri kriminali jikkostitwixxi wkoll indizju li jippermetti li tiġi ddeterminata l-applikabbiltà tal-imsemmija direttivi.

35. F'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13, l-Artikolu 2(1) ta' din tal-aħħar jipprovdi li d-direttiva tapplika għall-persuni ssuspettati jew għall-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali "minn meta l-persuni jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, li *huma ssuspettati jew akkużati li wettqu reat* sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċeduri, jiġifieri meta tintlaħaq deċiżjoni finali dwar jekk is-suspettat jew il-persuna akkużata tkunx wettqet ir-reat kriminali jew le, inkluż, fejn applikabbli, l-għoti tas-sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell" [5].

36. Kif jirriżulta mill-premessa 19 tad-Direttiva 2012/13, id-dritt għall-informazzjoni dwar id-drittijiet li jibbenefikaw minnhom il-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati huwa intiż sabiex jiggarantixxi l-ekwità tal-proċeduri kriminali billi jippermetti l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet

[5] Korsiv miżjud minni.

tad-difiża sa mill-bidu tal-proċeduri. Huwa għalhekk ippreċiżat, fl-istess premessa, li "l-informazzjoni għandha tkun provduta *fil-pront matul il-proċeduri* u l-aktar tard *qabel l-ewwel interrogazzjoni uffiċjali* tal-persuna suspettata jew akkużata mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra" [6].

37. Bl-istess mod, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2013/48 jistabbilixxi li din tapplika "meta [l-persuni suspettati jew il-persuni akkużati] jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li *huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali*, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà" [7]. Barra minn hekk, il-premessi 12 u 19 tad-Direttiva 2013/48 jispeċifikaw li, sabiex jiggarantixxu l-ekwità tal-proċeduri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew il-persuni akkużati jkollhom aċċess għal avukat "mingħajr dewmien żejjed" [8].

38. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 huma ddefiniti f'termini kważi identiċi fl-Artikolu 2 ta' kull waħda minnhom [9]. Madankollu hemm lok li jiġi rrilevat li d-direttiva l-iktar reċenti minnhom it-tnejn, jiġifieri d-Direttiva 2013/48, tinkludi l-ispeċifikazzjoni addizzjonali li l-informazzjoni tista' tinkiseb "b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor". Din il-kjarifika, li tikkontribwixxi għall-effettività tad-direttivi, tista', fl-opinjoni tiegħi, tiġi kkunsidrata bħala li tista' tiġi trasposta wkoll għad-Direttiva 2012/13.

39. Għalhekk mill-qari tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, kif ukoll tal-premessi rilevanti, jirriżulta li d-Direttivi 2012/13 u 2013/48 japplikaw hekk kif jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet: l-ewwel, il-persuna kkonċernata tkun *de facto ssuspettata* li wettqet reat kriminali jew *akkużata* bħala tali, u t-tieni, tkun ġiet *informata* mill-awtoritajiet kompetenti, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li hija ssuspettata jew akkużata. Ser nispjega dawn iż-żewġ kriterji fid-dettall qabel ma napplikahom għaċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali.

40. Għalkemm, fl-interess ta' applikazzjoni effikaċi ta' dawn id-direttivi għaċ-ċirkustanzi eventwali kollha, ma jkunx mixtieq li jiġu imposti rekwiżiti eċċessivament għolja għall-forma ta' din in-notifika, jidhirli li huwa *neċessarju li ma jibqa' ebda dubju dwar l-eżistenza ta' suspetti kontra l-persuna kkonċernata*. Dan ir-rekwiżit huwa importanti mhux biss sabiex tiġi protetta l-persuna kkonċernata minn kull sitwazzjoni ġuridika ambigwa, iżda wkoll fid-dawl tal-fatt li l-awtoritajiet kompetenti għandhom ċertu numru ta' obbligi li, fil-każ ta' ksur, jistgħu jikkostitwixxu difetti proċedurali li jistgħu jivvizzjaw b'illegalità d-deċiżjonijiet meħuda minn dawn l-awtoritajiet. Sabiex jiġi evitat dan ix-xenarju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw ruħhom li l-persuna kkonċernata tkun konxja minn kull suspett fil-konfront tagħha.

41. L-informazzjoni f'dan ir-rigward għandha tiġi kkomunikata "fil-pront" u, fi kwalunkwe każ, "l-aktar tard qabel l-ewwel interrogazzjoni uffiċjali" tal-persuna suspettata jew tal-persuna akkużata mill-pulizija fil-kuntest tal-proċeduri kriminali. Il-fatt li d-Direttivi 2012/13 u 2013/48 *jipprevedu spazju ta' żmien u mhux mument preċiż* "matul il-proċeduri", kif tissuġġerixxi l-premessa 19 tad-Direttiva 2012/13, jippermetti li jiġi dedott li, għalkemm l-awtoritajiet għandhom ċerta diskrezzjoni sabiex jagħżlu l-mument li fih jinformaw lill-persuna kkonċernata, ma jistax ikun hemm dewmien eċċessiv fil-provvista ta' din l-informazzjoni, li jipprekludi

6 Korsiv miżjud minni.

7 Korsiv miżjud minni.

8 Korsiv miżjud minni.

9 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punt 38).

lill-persuna kkonċernata milli teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha. Minn dan isegwi li, sabiex tista' tkun effettiva, il-komunikazzjoni tad-drittijiet għandha neċessarjament issir fi *stadju bikri tal-proċedura* [10].

42. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li l-Qorti tal-Ġustizzja hija konxja mill-importanza ta' tali komunikazzjoni f'ċirkustanzi partikolarment sensittivi, b'mod partikolari meta l-libertà tal-persuna kkonċernata tkun involuta, peress li ddeċidiet li "l-persuni ssuspettati li wettqu reat għandhom jiġu informati bid-drittijiet tagħhom kemm jista' jkun malajr mill-mument meta s-suspettati li għalihom ikunu suġġetti jiġġustifikaw, f'kuntest li ma huwiex dak tal-urġenza, li l-awtoritajiet kompetenti jirrestrinġu l-libertà tagħhom permezz ta' miżuri koerċittivi" [11].

43. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat, fir-rigward tal-mument li fih il-persuna kkonċernata għandha tiġi informata l-iktar tard, li, kif jirriżulta mill-premessa 20 tad-Direttiva 2013/48, "[g]ħall-finijiet ta' din id-Direttiva, *interrogazzjoni ma tinkludix interrogazzjoni preliminari* mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi li l-għan tagħha jkun [...] li tiddetermina jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni, *pereżempju waqt li jsir kontroll fit-triq, jew matul kontrolli regolari għall-għarrieda* meta persuna suspettata jew akkużata ma tkunx għadha ġiet identifikata" [12].

## *2. Applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti għaċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali*

44. Jekk wieħed japplika dawn iż-żewġ kriterji għaċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-element determinanti għar-risposta għall-ewwel domanda huwa jekk, fil-mument meta seħħew it-tfittxija u l-qbid, AB kienx diġà ssuspettat *de facto* u jekk kienx ġie informat dwar dan matul l-eżekuzzjoni tal-atti vinkolanti. Mill-espożizzjoni tal-fatti li tinsab fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li AB inkrimina lilu nnifsu qabel it-tfittxija u l-qbid billi indika li kellu pussess ta' drogi narkotiċi. L-ammissjoni tiegħu ġiet irreġistrata fil-proċess verbal bħala twissija orali ta' reat kriminali. Fuq din il-bażi, AB ġie mistieden jieħu d-drogi lura fil-pussess tiegħu.

45. Minn dawn il-fatti jista' jiġi dedott li AB kien ġie ssuspettat li wettaq reat kriminali. Fil-fatt, l-użu ta' dawn il-miżuri proċedurali speċifiċi jindika b'mod inekwivoku li AB ġie ttrattat bħala "persuna ssuspettata". Jidhirli li AB kellu jkun konxju minn dan, iktar u iktar peress li l-ammissjoni tiegħu kellha l-konsegwenza immedjata li huwa kien is-suġġett ta' tfittxija fiżika u ta' qbid. Għaldaqstant, jidhirli li ż-żewġ kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48, imsemmija fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet, huma ssodisfatti mill-mument meta AB iddikjara, mal-pulizija, li huwa fil-pussess ta' drogi narkotiċi.

## *3. Elementi li ma għandhomx effett fuq l-applikabbiltà tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48*

46. Sabiex inkun eżawrjenti, inqis neċessarju li nesponi fil-qosor ir-raġunijiet li għalihom il-fatt li AB ma kienx uffiċjalment "informat" mill-pulizija tal-ftuħ ta' proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu u tal-istatus tiegħu f'din il-proċedura ma jidhirlix li għandu effett fuq l-applikabbiltà tal-imsemmija Direttivi 2012/13 u 2013/48 għal dan il-każ.

10 Ara l-punt 25 tal-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-Kawża C-660/21, K.B. u F.S. (Eżami *ex officio* fil-qasam kriminali) (C-660/21, EU:C:2023:52).

11 Is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punt 53). Korsiv miżjud minni.

12 Korsiv miżjud minni.

47. L-ewwel, għandu jiġi nnotat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[13] jirriżulta li "informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-persuna kkonċernata *hija biżżejjed, u dan ikun xi jkun il-metodu*" u li "l-*mezz* li bih tali informazzjoni tasal [għandha] *huwa irrilevanti*". Din il-ġurisprudenza dwar id-Direttiva 2013/48, li tista' tiġi trasposta wkoll għad-Direttiva 2012/13, tikkonferma interpretazzjoni li tgħid li r-rekwiżiti eċċessivament għolja fuq il-forma ta' din in-notifika ma jistgħux jiġu imposti.

48. It-tieni, iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża prinċipali, jiġifieri l-fatt li AB ħa l-inizjattiva huwa stess meta ddikjara mal-pulizija li kellu pussess ta' drogi narkotiċi, *ma jħallu ebda dubju dwar il-ftuħ ta' tali proċeduri kriminali*. Kif diġà semmejt iktar 'il fuq, AB kellu jkun konxju ta' dan, għaliex din l-ammissjoni kellha bħala konsegwenza tfittxija fiżika u qbid min-naħa tal-pulizija. Quddiem tali sitwazzjoni, huwa kellu raġonevolment jistenna li jiġi ttrattat minn dan il-mument bħala "persuna ssuspettata". Konsegwentement, l-atti mwettqa b'dan il-mod għandhom jitqiesu ekwivalenti għal "informazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48.

49. It-tielet, inqis li huwa irrilevanti, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn id-direttivi, li d-dritt ta' Stat Membru ma jirrikonoxxix formalment il-kunċett ta' "persuna ssuspetta", bħalma huwa apparentement il-każ tad-dritt Bulgaru. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li dan huwa *kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni* li, bħala kriterju ġuridiku, jiftaħ il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48, u għandu għalhekk jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest, nixtieq infakkar li huwa d-dritt nazzjonali li jikkonforma ruħu mal-kuntest ġuridiku intern tal-Unjoni u mhux bil-maqlub. Sa fejn l-Istati Membri huma obbligati jittrasponu korrettament l-imsemmija direttivi, kif ukoll il-kunċetti speċifiċi marbuta magħhom, fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom, dawn ma jistgħux validament jibbażaw ruħhom fuq insuffiċjenzi jew lakuni possibbli fil-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jevitaw l-obbligi tagħhom.

### *4. Risposta għall-ewwel domanda preliminari*

50. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li s-sitwazzjonijiet fattwali li fihom atti vinkolanti, bħal tfittxija fiżika u/jew qbid, ikunu twettqu matul investigazzjoni kontra persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48.

## *C. Fuq it-tieni u l-ħames domanda preliminari*

### *1. Il-projbizzjoni ta' prattiki arbitrarjament restrittivi li jistgħu jipprekludu l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali marbuta mal-istatus ta' "persuna ssuspettata"*

51. Permezz tat-tieni u tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, liema huwa l-istatus ta' persuna fis-sens tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48, meta d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix l-istatus ta' "persuna ssuspettata" u l-persuna ma tkunx tqiegħdet permezz ta' komunikazzjoni uffiċjali, bħala att "formali", taħt l-istatus ta' "persuna akkużata". Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk din il-persuna għandhiex tibbenefika mid-dritt

[13] Sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, VW (Dritt ta' aċċess għal avukat fil-każ ta' nuqqas ta' dehra) (C-659/18, EU:C:2020:201), punti 25 u 26. Korsiv miżjud minni.

għall-informazzjoni u mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat. Għalkemm ir-risposta għal din id-domanda tista' tiġi dedotta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, xorta nqis li huwa xieraq li tiġi approfondita l-analiżi ta' ċerti aspetti legali f'interess ta' ċarezza.

52. Kif ġie spjegat waqt l-eżami tal-ewwel domanda, l-istatus proċedurali ta' persuna fiċ-ċirkustanzi deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju huwa dak ta' "persuna suspettata" fis-sens tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Sa fejn dan huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, il-persuna kkonċernata tibbenefika minn dan l-istatus proċedurali minħabba l-applikabbiltà ta' dawn id-direttivi għall-każ inkwistjoni, minkejja l-fatt li hija ma tqegħditx taħt l-istatus ta' "persuna akkużata" permezz ta' komunikazzjoni uffiċjali, kif tipprevedi l-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ. Huwa biżżejjed li l-persuna kkonċernata tkun *issuspettata de facto* li wettqet reat kriminali, mingħajr ma huwa neċessarju li dawn is-suspetti jiġu fformalizzati f'att jew f'komunikazzjoni speċifika.

53. Interpretazzjoni kuntrarja, li tgħid li t-tgawdija tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48 għandha tiddependi kompletament mill-adozzjoni ta' att "formali" tal-awtoritajiet, *hija arbitrarjament restrittiva u ma tiżgurax l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet* stabbiliti f'dawn id-direttivi. Fil-fatt, jeżisti r-riskju sinjifikattiv li l-persuna kkonċernata tinkrimina lilha nnifisha minħabba ksur tad-drittijiet tagħha minħabba li hija ma tkun irċeviet ebda komunikazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali. Tali riżultat ċertament iqiegħed inkwistjoni mill-ġdid il-prinċipji ta' proċedura ekwa fil-qasam tad-dritt kriminali. Issa, irrid nenfasizza li, peress li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jistgħux validament jibbażaw ruħhom fuq insuffiċjenzi jew lakuni possibbli fil-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jevitaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, huma obbligati jiżguraw it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet proċedurali ggarantiti mill-imsemmija direttivi.

54. Kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel domanda, il-komunikazzjoni tad-drittijiet għandha neċessarjament isseħħ fi stadju bikri tal-proċedura[14], billi l-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din l-informazzjoni għandha sseħħ "*kemm jista' jkun malajr* mill-mument meta s-suspettati [s-suspetti] li [l-persuni kkonċernati] ikunu suġġetti jiġġustifikaw, f'kuntest li ma huwiex dak tal-urġenza, *li l-awtoritajiet kompetenti jirrestrinġu l-libertà tagħhom permezz ta' miżuri koerċittivi*"[15]. Fl-interess ta' protezzjoni effettiva tal-persuna kkonċernata, inżid li din ir-regola għandha tiġi applikata mhux biss meta l-persuna kkonċernata tkun iffaċċjata b'miżuri ta' koerċizzjoni l-iktar severi bħall-arrest jew iċ-ċaħda temporanja tal-libertà, iżda wkoll meta s-suspetti dwarha jiġġustifikaw *atti vinkolanti* oħra *li jkollhom interferenza sinjifikattiva fuq id-drittijiet fundamentali.*

55. Għal dawn ir-raġunijiet, inqis li approċċ konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13 kien jikkonsisti f'li AB jiġi informat immedjatament bid-drittijiet tiegħu meta l-pulizija ddeċidiet li twettaq tfittxija fiżika u li taqbad id-drogi narkotiċi li kienu jinsabu fil-pussess tiegħu, b'reazzjoni għall-ammissjoni tiegħu. Fil-fatt, huwa evidenti li AB kien espost għall-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tal-proċeduri kriminali mill-mument li fih huwa inkrimina lilu nnifsu fil-preżenza tal-pulizija. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat f'dan il-kuntest li, minkejja li AB seta' jiddeduċi b'mod impliċitu li huwa kien sar "persuna ssuspettata" minħabba miżuri ta' koerċizzjoni adottati kontrih, dan il-fatt *ma jistax jissostitwixxi l-komunikazzjoni sħiħa tad-drittijiet proċedurali tiegħu.*

[14] Ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punt 53). Korsiv miżjud minni.

56. Fir-rigward, b'mod speċifiku, tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2013/48 jipprevedi li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati għandhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat "f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv" jew "mingħajr dewmien żejjed", rispettivament, u fi kwalunkwe każ "*qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija* jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja" (korsiv miżjud minni). Jekk, kif indikajt fil-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-domandi preliminari magħmula mill-pulizija waqt "kontroll fit-triq" jew "kontrolli regolari għall-għarrieda" ma jistgħux jitqiesu bħala "interrogatorju" fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2013/48, l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju tippermetti li jiġi dedott li AB, fi kwalunkwe każ, kien is-suġġett ta' tali interrogazzjoni fi stadju ulterjuri tal-investigazzjonijiet. B'mod iktar konkret, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li "[f]il-kuntest tal-proċedura preliminari diġà mibdija, f'ħin u f'post mhux iddeterminati preċiżament (probabbilment fl-għassa tal-pulizija), [l-ispettur tal-pulizija ġudizzjarja responsabbli], wara t-twettiq tat-tfittxija, talab lil AB spjegazzjonijiet bil-miktub konformement mal-liġi dwar il-Ministeru għall-Intern". Konsegwentement, inqis li AB kellu, mhux iktar tard minn dan l-istadju tal-proċedura, ikollu aċċess għal servizzi ta' avukat.

*2. Risposta għat-tieni u għall-ħames domanda preliminari*

57. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għat-tieni u għall-ħames domanda preliminari tkun li l-kunċett ta' "persuna ssuspettata" fis-sens tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Persuna li hija ssuspettata *de facto* li wettqet reat kriminali għandha l-kwalità ta' "persuna ssuspettata" fis-sens ta' dawn id-direttivi, anki jekk id-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix dan l-istatus proċedurali u ma jagħtix lill-persuna ssuspettata d-drittijiet dovuti lilha. Dawn id-direttivi jipprekludu leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li permezz tagħhom id-drittijiet tad-difiża jitnisslu biss mill-mument li fih il-persuna kkonċernata titqiegħed formalment taħt l-istatus ta' "persuna akkużata", peress li dan l-att iseħħ, bħala kundizzjoni preliminari għall-applikazzjoni tad-drittijiet u tal-garanziji proċedurali previsti mid-dritt nazzjonali, b'osservanza sħiħa tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni, li ma hijiex obbligata tinforma lill-persuna ssuspettata *de facto* bis-suspetti li huma ta' piż fuqha mill-iktar fis possibbli.

## *D. Fuq ir-raba' domanda preliminari*

*1. Il-kompatibbiltà ta' dritt għal rimedju effettiv ta' stħarriġ ġudizzjarju limitat għall-osservanza tar-rekwiżiti formali*

58. Permezz tar-raba' domanda preliminari tagħha, li jidhirli li għandha tiġi ttrattata qabel it-tielet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttivi 2012/13 u 2013/48 kif ukoll l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu ġurisprudenza nazzjonali li tipprovdi li, fil-kuntest tal-proċedura ta' approvazzjoni *a posteriori* minn qorti ta' miżuri ta' koerċizzjoni ta' ġbir ta' provi għall-bżonnijiet ta' investigazzjoni kriminali, il-qorti ma tistax teżamina jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati, iggarantiti minn dawn id-direttivi u minn dawn l-artikoli.

59. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, jekk, konformement mal-Artikolu 164(3) tan-NPK, it-tfittxija fiżika mwettqa abbażi tal-proċess verbal, fil-kuntest tal-fażi preliminari tal-proċedura kriminali, għandha tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori*, dan

jirrigwarda biss, skont il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti, ir-rekwiżiti formali li minnhom tiddependi l-legalità ta' din il-miżura u tal-qbid li jirriżulta minnha, u ma jippermettix lill-qorti kompetenti teżamina r-rispett tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48.

60. Sabiex tiġi eżaminata din il-kwistjoni, għandu qabelxejn jitfakkar li, skont l-Artikolu 47 tal-Karta, kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jkunu nkisru għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti fl-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 48(2) tal-Karta, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża huwa ggarantit lil kull akkużat. L-applikabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija inkontestabbli f'dan il-każ, peress li l-kawża prinċipali tikkonċerna sitwazzjoni li fiha l-awtoritajiet Bulgari jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta. Fil-fatt, sa fejn il-leġiżlazzjoni Bulgara inkwistjoni hija intiża sabiex timplimenta d-Direttivi 2012/13 u 2013/48, li jiggarantixxu d-dritt għall-informazzjoni u d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għal persuna ssuspettata u/jew persuna akkużata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, din taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja diversi drabi, dawn iż-żewġ direttivi huma bbażati fuq id-drittijiet stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta u huma intiżi sabiex jippromwovu dawn id-drittijiet [16].

61. Fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2012/13, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 8(2) tagħha jeżiġi li "s-suspettati jew il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom ikollhom *id-dritt ta' kontestazzjoni*, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, *rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni* f'konformità ma' din id-Direttiva" (korsiv miżjud minni). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-importanza tad-dritt għal rimedju effettiv, protett mill-Artikolu 47 tal-Karta, u tat-test ċar, inkundizzjonat u preċiż tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, din l-aħħar dispożizzjoni *tipprekludi kull miżura nazzjonali li tostakola l-eżerċizzju ta' rimedji effettivi* f'każ ta' ksur tad-drittijiet protetti minn din id-direttiva [17]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-istess interpretazzjoni hija meħtieġa fir-rigward tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48, li jipprovdi li "l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, […] *ikollhom rimedju effettiv* skont il-liġi nazzjonali f'każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva" [18].

62. Konsegwentement, dawn iż-żewġ direttivi jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu rimedju effettiv fil-każ ta' ksur tad-drittijiet li huma jistabbilixxu, sabiex tiġi ggarantita l-ekwità tal-proċedura u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48, id-dritt li jiġi kkontestat il-ksur eventwali ta' dawn id-drittijiet jingħata, rispettivament, konformement mal-"proċeduri nazzjonali" u "l-liġi nazzjonali". Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet la jiddeterminaw il-modalitajiet li skonthom il-ksur tal-imsemmija drittijiet għandu jkun jista' jiġi allegat, u lanqas il-mument, matul il-proċeduri kriminali, li fih dan jista' jsir, u b'hekk ħallew lill-Istati Membri *ċertu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw ir-rimedji ġudizzjarji speċifiċi.*

63. Din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 hija kkonfermata mill-premessi rispettivi tagħhom. Għalhekk, fil-premessa 36 tad-Direttiva 2012/13, huwa indikat li d-dritt li jiġi kkontestat il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma jipprovdux jew jirrifjutaw li

16 Ara s-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punti 88 u 104); tat-12 ta' Marzu 2020, VW (Dritt ta' aċċess għal avukat fil-każ ta' nuqqas ta' dehra) (C-659/18, EU:C:2020:201, punt 44); tal-14 ta' Mejju 2020, Staatsanwaltschaft Offenburg (C-615/18, EU:C:2020:376, punt 71) u tal-21 ta' Ottubru 2021, ZX (Regolarizzazzjoni tal-att ta' akkuża) (C-282/20, EU:C:2021:874, punt 26).

17 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punt 57).

18 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punt 58). Korsiv miżjud minni.

jipprovdu informazzjoni jew li jiżvelaw ċerti partijiet tal-kawża konformement ma' din id-direttiva "*ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura* ta' appell *speċifika*, mekkaniżmu separat, jew proċedura ta' kwerela *li permezz tagħhom dan in-nuqqas jew dan ir-rifjut jista' jiġi kkontestat*" (korsiv miżjud minni). Il-premessa 50 tad-Direttiva 2013/48 hija tal-istess sens meta tindika, essenzjalment, li l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża jiġu rrispettati u l-ekwità tal-proċedura tiġi osservata huwa bla ħsara għall-mezzi jew għas-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-provi u "ma għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli jżommu sistema li permezz tagħha l-provi eżistenti kollha jistgħu jinġiebu quddiem qorti jew imħallef, *mingħajr ma jkun hemm valutazzjoni separata jew minn qabel dwar l-ammissibbiltà ta' dawk il-provi*" (korsiv miżjud minni). Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri huwa applikabbli, bla ħsara għal-limiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

### *2. Restrizzjoni tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri permezz tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività*

64. Konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, li għandu jindika l-qrati kompetenti u li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali li llum huwa stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw azzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività). Dawn ir-rekwiżiti ta' ekwivalenza u ta' effettività jesprimu l-obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l- individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet tad-difiża [19]

65. In-neċessità li jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri hija spjegata mill-fatt li d-Direttivi 2012/13 u 2013/48 ġew adottati fuq il-bażi legali tal-Artikolu 82(2) TFUE, li jippermetti biss l-istabbiliment ta' regoli minimi fil-qasam tad-"drittijiet ta' l-individwi" fil-proċeduri kriminali. Permezz ta' dan l-approċċ, il-leġiżlatur kellu l-għan li jiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li għalih għamilt riferiment f'dawn il-konklużjonijiet [20]. Madankollu, wieħed ma għandux jinsa li, sa fejn dawn id-direttivi jikkontribwixxu għal *armonizzazzjoni minima tal-proċeduri kriminali* fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni, dawn ma jistgħux jitqiesu li huma strumenti kompleti u eżawrjenti. Konsegwentement, dawn iħallu lill-Istati Membri liberi, kif jippreċiżaw il-premessa 40 tad-Direttiva 2012/13 u l-premessa 54 tad-Direttiva 2013/48, li jestendu d-drittijiet li huma jipprevedu, sabiex jiġi żgurat ukoll livell ta' protezzjoni ogħla f'sitwazzjonijiet

[19] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Marzu 2010, Alassini et (C-317/08 sa C-320/08, EU:C:2010:146, punt 49); tas-27 ta' Ġunju 2013, Agrokonsulting-04 (C-93/12, EU:C:2013:432, punti 35 u 36), u tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni) (C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 75).

[20] Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

li ma humiex espliċitament previsti minnhom, peress li l-livell ta' protezzjoni qatt ma għandu jkun inqas mill-istandards stabbiliti mill-KEDB, kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB [21].

66. Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, xejn fil-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma juri li dan il-prinċipju huwa miksur mill-ġurisprudenza nazzjonali inkwistjoni, li tipprovdi li, fil-kuntest tal-proċedura ta' approvazzjoni, *a posteriori*, minn qorti ta' miżuri ta' koerċizzjoni ta' ġbir ta' provi għall-bżonnijiet ta' investigazzjoni kriminali, l-istħarriġ ġudizzjarju jirrigwarda biss ir-rekwiżiti formali li minnhom tiddependi l-legalità ta' dawn il-miżuri, u ma jippermettix lill-qorti kompetenti teżamina r-rispett tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Fil-fatt, din il-ġurisprudenza hija intiża li tapplika indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-miżura ta' koerċizzjoni ġietx adottata bi ksur ta' dritt individwali li huwa bbażat fuq dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jew fuq dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

67. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar il-konformità ta' din il-prassi nazzjonali mal-prinċipju ta' effettività. Filwaqt li tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, din tfakkar li l-ammissjonijiet extraġudizzjarji ta' persuna ssuspettata fl-assenza ta' assistenza minn avukat, f'dan l-istadju bikri, jistgħu jwasslu għal ksur tal-korrettezza tal-proċeduri, bi ksur tal-Artikolu 6(1) u (3) tal-KEDB. Skont il-qorti tar-rinviju, *il-ġurisprudenza tal-qrati Bulgari rrifjutat, b'mod unanimu, li tirrikonoxxi kwalità ta' provi għall-informazzjoni miġbura mingħand persuni li fil-fatt huma ssuspettati, iżda li spiss jiġu interrogati bħala xhieda dwar l-aġir tagħhom stess.* Madankollu, il-qorti tar-rinviju tiddubita li din is-sanzjoni proċedurali fuq bażi probatorja tista' tikkostitwixxi garanzija suffiċjenti li d-drittijiet tad-difiża taċ-ċittadini, kif previsti mill-Karta u msemmija fid-dettall fid-Direttivi 2012/13 u 2013/48, ser jiġu rrispettati.

68. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività msemmi iktar 'il fuq, għandu jitfakkar qabelxejn li d-dritt tal-Unjoni ma għandux l-effett li jġiegħel lill-Istati Membri jistabbilixxu rimedji ġuridiċi differenti minn dawk stabbiliti mid-dritt intern, sakemm, madankollu, mill-istruttura tal-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni ma jirriżultax li ma jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju li jippermetti, anki jekk b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni, jew li l-uniku mezz ta' aċċess għal qorti huwa li l-individwi jiġu mġiegħla li jiksru l-liġi [22].

69. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kull każ, li fih tqum il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha, quddiem id-diversi istanzi nazzjonali. F'din il-perspettiva, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħall-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura [23].

70. Skont il-kliem ta' din il-ġurisprudenza, l-evalwazzjoni tal-osservanza tal-prinċipju ta' effettività ma teħtieġx l-analiżi tar-rimedji ġuridiċi kollha li jeżistu fi Stat Membru, iżda analiżi kkuntestwalizzata tad-dispożizzjoni li allegatament tippreġudika dan il-prinċipju, li jista' jimplika l-analiżi ta' dispożizzjonijiet proċedurali oħrajn li huma applikabbli fil-kuntest tar-rimedju

21 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Moro (C-646/17, EU:C:2019:489, punti 36 u 54), u, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2018, (C-310/18 PPU, EU:C:2018:732, punt 47).

22 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Randstad Italia (C-497/20, EU:C:2021:1037, punt 62).

23 Sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1995:437, punt 14); tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd et (C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, punt 33) u tal-11 ta' Settembru 2019, Călin (C-676/17, EU:C:2019:700, punt 42).

ġuridiku li n-natura effettiva tiegħu hija mqiegħda f'dubju jew dik ta' rimedji ġuridiċi li għandhom l-istess għan bħal dan tal-aħħar[24]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li għaldaqstant, is-sentenzi mogħtija huma biss ir-riżultat ta' evalwazzjonijiet każ b'każ, b'kunsiderazzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku kollu relattiv għal kull kawża, u li ma jistgħux jiġu trasposti awtomatikament f'oqsma differenti minn dawk li fil-kuntest tagħhom ikunu ngħataw[25].

*3. Il-karatteristiċi tal-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-qrati Bulgari*

71. F'dak li jirrigwarda l-eżami ta' dan il-każ, jidhirli li jirriżulta kemm mill-formulazzjoni kif ukoll mill-għanijiet tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u mill-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48, kif ukoll mill-preċiżazzjonijiet ipprovduti mill-premessi ċċitati iktar 'il fuq, li ma huwiex kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni li Stat Membru jillimita l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta' koerċizzjoni ta' ġbir ta' provi għal-legalità formali tagħhom jekk, sussegwentement, fil-kuntest tal-proċess kriminali, *il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu tkun f'pożizzjoni li tivverifika li d-drittijiet tal-persuna kkonċernata li jirriżultaw mill-imsemmija direttivi, moqrija fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, kienu ġew iggarantiti.* It-talba għal deċiżjoni preliminari tissuġġerixxi li dan huwa preċiżament il-każ fid-dritt Bulgaru. Fil-fatt, kif ġie indikat fil-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-qrati Bulgari jirrifjutaw li jirrikonoxxu kwalità ta' provi lill-informazzjoni miġbura bi ksur tad-drittijiet proċedurali ggarantiti lill-persuni ssuspettati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali.

72. Fi kliem ieħor, il-ġurisprudenza attwali tal-qrati Bulgari tippermetti li tiġi eskluża informazzjoni u provi miksuba bi ksur tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/13, dwar il-komunikazzjoni lill-persuna ssuspettata tad-drittijiet tagħha, u tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, dwar l-aċċess għas-servizzi ta' avukat. L-irregolaritajiet li jistgħu jiġu osservati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għalhekk ma jibqgħux mingħajr rimedju[26]. Għall-kuntrarju, jidher li kull persuna ssuspettata għandha l-possibbiltà li tallega ksur tad-drittijiet tagħha fil-qafas ta' proċeduri kriminali. Għalhekk, il-mekkaniżmu li l-ordinament ġuridiku Bulgaru jidher li adotta jixbah il-mekkaniżmi żviluppati fi Stati Membri oħra, kemm jekk huma previsti mid-dritt bil-miktub (dritt kostituzzjonali/leġiżlazzjoni kriminali) jew mid-dritt konswetudinarju. Barra minn hekk, ma huwiex rari li dawn il-mekkaniżmi joriġinaw preċiżament mill-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali. Għaldaqstant, jidher li r-regoli proċedurali fid-dritt Bulgaru, kif interpretati mill-qrati kompetenti, ma humiex ta' natura li jrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt tal-persuna ssuspettata li tikkontesta, konformement mal-proċeduri nazzjonali, ksur tad-drittijiet proċedurali msemmija iktar 'il fuq. Għalkemm il-qorti tar-rinviju tesprimi ċerti riżervi f'dan ir-rigward, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-mekkaniżmi previsti mid-dritt Bulgaru li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-persuna ssuspettata, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludix elementi suffiċjenti sabiex issostni din it-teżi.

73. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju ma tindikax liema jistgħu jkunu l-miżuri li għandhom jiġu adottati jew li għandhom jiġu żviluppati permezz ta' rimedju leġiżlattiv jew ġurisprudenzjali sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-persuna

[24] Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2022, Il-Kummissjoni vs Spanja (Ksur tad-dritt tal-Unjoni mil-leġiżlatur) (C-278/20, EU:C:2022:503, punti 59 u 60).

[25] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, EU:C:2002:705, punt 37).

[26] Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża, K.B. u F.S. (Eżami *ex officio* fil-qasam kriminali), (C-660/21, EU:C:2023:52, punti 64 u 65), ġbidt l-attenzjoni għall-fatt li l-leġiżlazzjoni Franċiża dwar il-proċeduri kriminali ppermettiet l-esklużjoni tal-informazzjoni u tal-provi miksuba bi ksur tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13. Jiena nsostni li l-eżistenza ta' tali regoli proċedurali tiggarantixxi l-effettività tad-dritt tal-Unjoni u li l-projbizzjoni fuq il-qorti tar-rinviju li teżamina *ex officio* eċċezzjoni ta' nullità ta' proċedura bbażata fuq notifika tardiva lill-imputati tad-drittijiet tagħhom li jibqgħu siekta, raġuni ta' nullità ta' natura privata, ma kisritx il-prinċipju ta' effettività.

ssuspettata fil-kuntest ta' proċedura kriminali. Peress li l-Gvern Bulgaru ma intervjeniex f'din il-kawża, l-unika informazzjoni li fuqha l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tibbaża ruħha hija dik ipprovduta mill-qorti tar-rinviju. Dan premess, inqis li, fi kwalunkwe każ, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tissuġġerixxi eventwali riformi lill-awtoritajiet kompetenti, speċjalment jekk tittieħed inkunsiderazzjoni d-diversità tal-mekkaniżmi u tar-rimedji ġudizzjarji magħrufa fl-Istati Membri differenti sabiex tiġi żgurata t-traspożizzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża għandu pjuttost ikun limitat għall-eżami tal-kwistjoni dwar jekk l-eżerċizzju tad-dritt għal rimedju effettiv huwiex prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli. Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, *ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv*.

74. Analiżi fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, li tirreferi għalihom il-qorti tar-rinviju, ma jidhirlix li tista' tbiddel din il-konklużjoni. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jiggarantixxi d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandu jitfakkar li d-dritt tal-Unjoni ma jobbligax, bħala prinċipju, lill-Istati Membri jistabbilixxu quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom, bil-għan li jiġi żgurat il-ħarsien ta' drittijiet li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni, rimedji ġuridiċi minbarra dawk stabbiliti mid-dritt nazzjonali. Is-sitwazzjoni tkun differenti biss jekk mill-istruttura tal-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni jirriżulta li ma jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju li jippermetti, anki jekk b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni [27]. Issa, kif tammetti l-qorti tar-rinviju stess, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

75. Għar-raġunijiet esposti fil-punti preċedenti, jiena inklinat li nikkonkludi li l-leġiżlazzjoni Bulgara fil-qasam tal-proċeduri kriminali, kif interpretata mill-qrati nazzjonali, *ma tqajjimx dubji fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività*. Dan il-prinċipju ma jipprekludix eżami ġudizzjarju li jirrigwarda biss ir-rekwiżiti formali ta' miżura ta' koerċizzjoni, bħal tfittxija, mingħajr verifika tar-rispett tad-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48, moqrija fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, *bil-kundizzjoni li tali rispett ikun jista' jiġi vverifikat mill-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu fil-kuntest tal-proċess kriminali*, li tiddeċiedi dwar il-ħtija ta' AB. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, li għandha għarfien dirett tar-regoli proċedurali applikabbli, li għandha twettaq il-verifiki xierqa u, jekk ikun il-każ, li tislet minnhom il-konsegwenzi neċessarji kollha sabiex tiżgura l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

76. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każijiet kollha fejn dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qorti nazzjonali kontra l-Istat, jew meta dan ikun naqas milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti jew meta jkun għamel traspożizzjoni inkorretta tagħha [28]. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48, kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta, huma dispożizzjonijiet ċari, inkundizzjonati u preċiżi [29]. Għalhekk, għandhom effett dirett. Minn dan isegwi li l-persuni li *de facto* huma "persuni ssuspettati" skont id-dritt Bulgaru, bħal AB fil-kawża prinċipali, għandhom ikunu jistgħu jinvokaw direttament rimedji ġudizzjarji previsti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48, moqrija flimkien mal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta.

27 Sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 143).

28 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Gassmayr (C-194/08, EU:C:2010:386, punti 44 u 45).

29 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punti 57 u 58).

*4. Risposta għar-raba' domanda preliminari*

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għar-raba' domanda preliminari tkun li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettività, ma jipprekludix li Stat Membru jillimita l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta' koerċizzjoni ta' ġbir ta' provi għal-legalità formali tagħhom jekk, sussegwentement, fil-kuntest tal-proċess kriminali, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu tkun f'pożizzjoni li tivverifika li d-drittijiet tal-persuna kkonċernata li jirriżultaw mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, ikunu ġew iggarantiti.

***E. Fuq it-tielet domanda preliminari***

*1. Proposta ta' riformulazzjoni tad-domanda*

78. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipji ta' legalità u ta' projbizzjoni tal-eżerċizzju arbitrarju tas-setgħa kif ukoll id-Direttiva 2013/48 u, b'mod iktar partikolari, l-Artikolu 3(3)(b) tagħha, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li huma biss il-persuni mqiegħda formalment taħt l-istatus ta' "persuna akkużata" li jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet li jirriżultaw minn din id-direttiva, meta l-mument ta' dan it-tqegħid jitħalla għall-evalwazzjoni tal-awtorità investigattiva.

79. Ir-risposta għal din id-domanda jidhirli li tirriżulta b'mod ċar mill-eżami tad-domandi preċedenti. Kif diġà indikajt f'dawn il-konklużjonijiet[30], interpretazzjoni li tipprovdi li t-tgawdija tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48 għandha tiddependi kompletament mill-adozzjoni ta' att "formali" tal-awtoritajiet nazzjonali hija arbitrarjament restrittiva u ma tiżgurax l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet stabbiliti f'dawn id-direttivi. Fil-fatt, jidher irrikonċiljabbli mar-rekwiżit, imsemmi fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/48, jiġifieri li l-persuna kkonċernata tibbenefika mill-assistenza "mingħajr dewmien żejjed" ta' avukat[31], li l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt jiġi suġġett għad-diskrezzjoni biss tal-awtoritajiet kompetenti.

80. Għalkemm it-tielet domanda tista' tidher, *prima facie*, superfluwa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jitfakkar li, fir-risposta tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha neċessarjament tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża prinċipali, jiġifieri l-fatt li din tikkonċerna t-talba għal approvazzjoni, *a posteriori*, mill-qorti, tat-tfittxija u tal-qbid tas-sustanzi misjuba fuq AB. Iktar 'il quddiem ser neżamina t-tielet domanda billi nikkunsidra dawn iċ-ċirkustanzi. Minn din il-perspettiva, id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tidher pjuttost li għandha l-għan li tistabbilixxi jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tfittxija fiżika u qbid ta' beni illegali jsiru mingħajr ma l-persuna kkonċernata tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat.

81. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta t-tielet domanda fis-sens propost, qabelxejn għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/48 jimponi rekwiżiti stretti sa fejn dan jipprevedi li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat "mingħajr dewmien żejjed" u, "[f]i kwalunkwe każ", *minn meta jseħħ*

[30] Ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[31] Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

*l-ewwel wieħed fid-data ta' erba' avvenimenti speċifiċi elenkati f'din id-dispożizzjoni*, taħt (a) sa (d). Peress li *t-tfittxija u l-qbid ta' beni illegali, bħala tali, ma humiex fost l-avvenimenti msemmija mill-imsemmija dispożizzjoni*, fil-prinċipju, għandu jiġi eskluż ksur tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, sakemm iċ-ċirkustanzi tal-każ ma jikkorrispondux mal-kriterji ta' avveniment speċifiku wieħed jew iktar, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu utli għall-qorti tar-rinviju għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din l-istess dispożizzjoni.

*2. Fuq id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat qabel ma l-persuna ssuspettata tiġi interrogata mill-pulizija*

82. Konformement mal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2013/48, il-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat *qabel ma jiġu interrogati* mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB [32], li skontha d-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit mill-Artikolu 6(1) tal-KEDB, jeżiġi, bħala regola ġenerali, li l-aċċess għal servizzi ta' avukat jingħata *mill-ewwel interrogazzjoni* ta' persuna ssuspettata mill-pulizija, ħlief jekk jintwera, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, li jeżistu raġunijiet imperattivi ta' restrizzjoni ta' dan id-dritt [33]. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, wara t-tfittxija, AB ġie interrogat fl-għassa tal-pulizija, li matul l-interrogazzjoni ta spjegazzjonijiet u kkonferma bil-miktub l-ammissjonijiet tiegħu. Issa, jidher li AB ma kienx ġie informat bid-dritt ta' aċċess tiegħu għal servizzi ta' avukat u ma eżerċitax effettivament dan id-dritt, li huwa problematiku fir-rigward tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttiva 2013/48. Inqis li tali mod ta' proċedura min-naħa tal-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjonijiet kriminali ma jistax jitqies bħala li huwa konformi mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva.

*3. Fuq id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna ssuspettata*

83. Indipendentement mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, tqum il-kwistjoni dwar jekk AB setax jinvoka d-dritt tiegħu ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-mument tat-tfittxija minkejja li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/48 ma jsemmix espliċitament din il-miżura ta' koerċizzjoni. Fil-fehma tiegħi, dan ikun il-każ jekk is-sitwazzjoni li fiha kien jinsab AB setgħet tinftiehem bħala "ċaħda tal-libertà", skont l-ipoteżi prevista fl-Artikolu 3(2)(c) ta' din id-direttiva. Peress li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi ebda informazzjoni ċara f'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina hija stess jekk iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali jistgħux jiġu kklassifikati bħala "ċaħda tal-libertà" fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq.

*a) Kunsiderazzjonijiet fl-ipoteżi fejn it-tfittxija tkun twettqet fil-kuntest tal-kontroll fit-triq*

84. Minn naħa, ċerti elementi juru li t-tfittxija seħħet *in situ*, ma' ġenb it-triq, ladarba l-vettura twaqqfet mill-pulizija u kienet is-suġġett ta' spezzjoni. F'tali ipoteżi, jidhirli li ma jistax jiġi raġonevolment ikkunsidrat li AB ġie mċaħħad mil-libertà. Fil-fatt, tali miżura restrittiva, imwettqa b'urġenza, immedjatament wara li jkunu dehru indizji li kien twettaq ksur, ma jidhirlix li tista' tiġi assimilata ma' "ċaħda tal-libertà". Wieħed ma għandux jinsa li *AB la kien ġie formalment miżmum u lanqas interrogat taħt arrest preventiv mill-pulizija*, iżda kien ġie

[32] Ara, f'dan is-sens, Mitsilegas, V., *EU Criminal Law*, Hart Publishingj Oxford 2022, it-tieni edizzjoni, p. 267.

[33] Qorti EDB, 27 ta' Novembru 2008, Salduz vs It-Turkija (CE:ECHR:2008:1127JUD003639102, punt 55).

sempliċement arrestat fil-kuntest ta' kontroll fit-triq. Minkejja li AB ma kienx liberu li jevita l-kontroll fit-triq, iċ-ċirkustanzi tal-każ ma juru *ebda restrizzjoni sinjifikattiva tal-libertà ta' azzjoni tiegħu*. Kull evalwazzjoni li tissuġġerixxi l-kuntrarju jidhirli li mhux biss tmur kontra l-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva 2013/48, iżda tista' wkoll twessa' b'mod sproporzjonat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u dan iktar u iktar meta tali approċċ ma huwiex neċessarju sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali, kif ser nispjega iktar 'il quddiem.

85. Kif indikajt f'dawn il-konklużjonijiet, id-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48 jikkostitwixxu l-espressjoni tad-dritt għal smigħ xieraq f'materji kriminali[34]. F'dan il-kuntest, għandu jsir riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li skontha d-Direttiva 2013/48 tiffavorixxi, b'mod partikolari, id-dritt li wieħed jieħu parir, ikollu difiża u jkun irrappreżentat, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll id-drittijiet tad-difiża ggarantiti fl-Artikolu 48(2) tagħha[35]. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-premessa 12 tad-Direttiva 2013/48, din tal-aħħar hija bbażata fuq id-drittijiet stabbiliti fil-Karta, u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 47 u 48 tagħha, billi tiżviluppa l-Artikoli 5 u 6 tal-KEDB kif interpretati mill-Qorti EDB. Minn dan tirriżulta l-ħtieġa li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jiġu interpretati fid-dawl tal-Artikolu 6(3)(ċ) tal-KEDB, li jipprovdi espressament id-dritt għall-assistenza ta' avukat.

86. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti EDB ikkunsidrat li tfittxija waqt kontroll fit-triq, u li fiha kien hemm dikjarazzjonijiet awtoinkriminanti, ma turi ebda restrizzjoni sinjifikattiva tal-libertà ta' azzjoni tal-persuna kkonċernata, li tista' tkun biżżejjed sabiex tattiva rekwiżit ta' assistenza legali f'dan l-istadju tal-proċedura. Għandu jiġi rrilevat il-fatt li l-Qorti EDB essenzjalment ibbażat ruħha fuq l-istess argumenti mressqa fil-punt 84 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri *l-assenza ta' detenzjoni formali jew ta' interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna* kkonċernata, jiġifieri miżuri li jċaħħdu l-libertà, li jistgħu jiġġustifikaw l-intervent ta' avukat. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, inqis li l-fatt li huwa kien is-suġġett ta' tfittxija ma' ġenb it-triq, fil-kuntest ta' kontroll fit-triq, mingħajr ma bbenefika minn assistenza legali, ma jikkostitwixxix, waħdu, ksur tal-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva 2013/48.

*b) Kunsiderazzjonijiet fil-każ li t-tfittxija tkun seħħet fl-għassa tal-pulizija*

87. Min-naħa l-oħra, evalwazzjoni differenti ma tistax tiġi eskluża kieku t-tfittxija tkun saret filwaqt li AB kien imċaħħad mil-libertà, pereżempju, jekk din it-tfittxija seħħet fl-għassa tal-pulizija. F'każ bħal dan, jista' jiġi argumentat li AB kellu jingħata d-dritt ta' aċċess għal servizzi ta' avukat "mingħajr dewmien żejjed" għar-raġuni li s-sitwazzjoni tiegħu taqa' taħt l-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva 2013/48. Il-qorti tar-rinviju għandha, jekk ikun il-każ, tieħu inkunsiderazzjoni sensiela ta' kriterji, li ser nistabbilixxi fil-punti li ġejjin, sabiex tiddetermina jekk hemmx f'dan il-każ "ċaħda tal-libertà" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

88. Il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-KEDB jidhirli li hija partikolarment rilevanti, peress li din id-dispożizzjoni telenka b'mod eżawrjenti r-raġunijiet li għalihom persuna tista' tiġi mċaħħda mil-libertà tagħha. Meta tipproklama d-"dritt għal-libertà", hija ma tirreferix għas-sempliċi restrizzjonijiet għal-libertà ta' moviment, li jaqgħu taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 4 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li jirrikonoxxi ċerti drittijiet u libertajiet differenti minn dawk li

[34] Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[35] Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et (C-612/15, EU:C:2018:392, punt 104).

diġà jinsabu fil-Konvenzjoni u fl-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni, iffirmat fi Strasbourg fis-16 ta' Settembru 1963, iżda hija intiża lejn il-libertà fiżika tal-persuna; din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiżgura li ħadd ma jiġi mċaħħad minnha b'mod arbitrarju[36]. Konformement mal-punt (ċ) ta' dan il-paragrafu 1 tiegħu, dan huwa l-każ meta l-persuna kkonċernata tiġi "arrestata" jew "detenuta" bil-ħsieb li titressaq quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, meta jkun hemm raġunijiet plawżibbli għal suspett li hija tkun wettqet reat. Is-sitwazzjoni ta' AB jidhirli li taqa' taħt dan il-każ, indipendentement mill-fatt li l-proċedura inkwistjoni tikkonċerna biss stadju preliminari tal-proċedura kriminali, jiġifieri l-approvazzjoni, *a posteriori*, mill-qorti, tal-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda kontra AB. L-għan ta' dawn il-miżuri huwa preċiżament li jinkisbu l-provi neċessarji sabiex ikun jista' jiġi deċiż jekk għandhiex titressaq azzjoni kriminali kontra l-persuna kkonċernata. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi deċiż li *l-proċedura ġudizzjarja inkwistjoni taqa' taħt il-proċedura kriminali* fl-intier tagħha, b'tali mod li l-Artikolu 5(1) tal-KEDB huwa applikabbli għal dan il-każ.

89. Fir-rigward tal-kunċett ta' "ċaħda tal-libertà" msemmi iktar 'il fuq, ta' min jinnota li dan jinkludi kemm *aspett oġġettiv*, jiġifieri l-internament ta' persuna f'ċertu spazju ristrett għal perijodu ta' żmien kunsiderevoli, kif ukoll *aspett suġġettiv*, jiġifieri l-fatt li din ma tkunx tat il-kunsens validu għall-internament tagħha[37]. Fost l-elementi oġġettivi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni hemm il-possibbiltà li titlaq mill-post ta' internament, l-intensità tas-sorveljanza u l-kontroll eżerċitati fuq il-movimenti tal-persuna internata, il-grad ta' iżolament tagħha u l-opportunitajiet ta' kuntatti soċjali offruti lilha[38]. Il-Qorti EDB iddeċidiet li huwa meħtieġ li wieħed jibda mis-sitwazzjoni konkreta tal-individwu u jittieħed kont ta' sensiela ta' kriterji bħat-tip, it-tul, l-effetti u l-metodi ta' eżekuzzjoni tal-miżura inkwistjoni[39]. Skont il-Qorti EDB, id-distinzjoni li għandha tiġi stabbilita bejn "ċaħda" u "restrizzjoni" tal-libertà tkun biss ta' grad jew ta' intensità, mhux ta' natura jew ta' essenza. Il-klassifikazzjoni f'waħda minn dawn il-kategoriji kultant tirriżulta diffiċli għaliex, f'ċerti każijiet marġinali, din hija kawża ta' evalwazzjoni pura. Madankollu, ikun importanti li ssir għażla, peress li l-applikabbiltà jew l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 5 tal-KEDB tiddependi minnha[40]. L-eżistenza ta' element ta' koerċitazzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-pulizija ta' waqfien u ta' tfittxija tindika "ċaħda tal-libertà", minkejja t-tul qasir ta' dawn il-miżuri[41]. Il-fatt li persuna ma tkunx immanettjata, inkarċerata jew imrażżna fiżikament b'xi mod ieħor ma jikkostitwixxix element deċiżiv meta jkun meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' "ċaħda tal-libertà"[42].

90. Konsegwentement, il-Qorti EDB ikkunsidrat li jkun hemm "ċaħda tal-libertà" fis-sens tal-Artikolu 5(1)(ċ) tal-KEDB meta l-persuna kkonċernata tkun ġiet kompletament imċaħħda minn kull libertà ta' moviment, anki jekk il-waqfien u t-tfittxija tagħha kien biss għal żmien qasir. Huwa biżżejjed li l-persuna kkonċernata tkun ġiet obbligata li tibqa' fejn kienet u li tissottometti ruħha għal tfittxija[43] u li rifjut kien esponiha għal arrest, għat-tqegħid f'kustodja tal-pulizija u/jew għal proċeduri kriminali[44]. L-użu tal-forza mill-pulizija jikkostitwixxi element deċiżiv għal kwalifika f'dan is-sens, b'mod partikolari waqt it-trasport tal-persuna kkonċernata lejn l-għassa

[36] Qorti EDB, 23 ta' April 2015, François vs Franza (CE:ECHR:2015:0423JUD002669011, punt 47).

[37] Qorti EDB, 17 ta' Jannar 2012, Stanev vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2012:0117JUD003676006, punt 117).

[38] Qorti EDB, 16 ta' Ġunju 2005, Storck vs Il-Ġermanja (CE:ECHR:2005:0616JUD006160300, punt 73).

[39] Qorti EDB, 23 ta' Frar 2017, De Tommaso vs L-Italja (CE:ECHR:2017:0223JUD004339509, punt 80).

[40] Qorti EDB, 9 ta' April 2019, Tarek u DEPE vs It-Turkija (ECLI:CE:ECHR:2019:0409JUD007047212, punt 53).

[41] Qorti EDB, 21 ta' Ġunju 2011, Shimovolos vs Ir-Russja (CE:ECHR:2011:0621JUD003019409, punt 50).

[42] Qorti EDB, 23 ta' Lulju 2013, M.A. vs Ċipru (CE:ECHR:2013:0723JUD004187210, punt 193).

[43] Qorti EDB, 11 ta' Ottubru 2016, Kasparov vs Ir-Russja (CE:ECHR:2016:1011JUD005365907, punt 46).

[44] Qorti EDB, 12 ta' Jannar 2010, Gillan u Quinton vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2010:0112JUD000415805, punt 57).

tal-pulizija jew id-detenzjoni tagħha fl-imsemmi post[45]. Il-Qorti EDB qieset li l-projbizzjoni li titlaq mill-għassa tal-pulizija mingħajr awtorizzazzjoni hija indikattiva ta' element ta' koerċizzjoni li jista' jissodisfa l-kriterji imposti mill-Artikolu 5(1)(ċ) tal-KEDB[46].

*c) Il-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju*

91. Fl-assenza ta' informazzjoni iktar preċiża fit-talba għal deċiżjoni preliminari dwar is-sitwazzjoni li fiha kien jinsab AB fl-għassa tal-pulizija, jidher indispensabbli li l-qorti tar-rinviju tintalab twettaq il-verifiki neċessarji. Inqis li jekk din kellha tistabbilixxi li t-tfittxija seħħet *waqt kontroll fit-triq* f'sitwazzjoni bħal dik deskritta fil-punt 84 ta' dawn il-konklużjonijiet, hija għandha tkun f'pożizzjoni li tinjora ksur tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat stabbilit fl-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva 2013/48. Fil-fatt, fl-assenza ta' restrizzjoni sinjifikattiva tal-libertà ta' azzjoni ta' AB, tali sitwazzjoni ma jidhirlix li tista' tiġi kklassifikata bħala "ċaħda tal-libertà".

92. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju għandha, bħala prinċipju, tkun tista' tikkonkludi li kien hemm ksur tal-imsemmi dritt fil-każ li t-tfittxija tkun seħħet *fl-għassa tal-pulizija*, f'ċirkustanzi li jikkostitwixxu "ċaħda tal-libertà", konformement mal-kriterji msemmija fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet. Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi ppreċiżat li huwa ilu rrikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti EDB li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-assistenza legali tista' tiġi posposta jew temporanjament ristretta. Madankollu, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, anki meta raġunijiet imperattivi jistgħu eċċezzjonalment jiġġustifikaw ir-rifjut tal-aċċess għal servizzi ta' avukat, restrizzjoni simili – tkun xi tkun il-ġustifikazzjoni tagħha – ma għandhiex tippreġudika indebitament id-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 6 tal-KEDB[47].

93. Il-Qorti EDB enfasizzat li fil-prinċipju hemm ksur irrimedjabbli għad-drittijiet tad-difiża meta dikjarazzjonijiet inkriminanti magħmula waqt interrogazzjoni tal-pulizija mwettqa mingħajr l-għajnuna possibbli ta' avukat jintużaw sabiex tiġi fondata kundanna[48]. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju għandha tistabbilixxi jekk kienx eċċezzjonalment iġġustifikat minn raġunijiet imperattivi li jiġi ristrett id-dritt ta' aċċess għal servizzi ta' avukat, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi ta' tali restrizzjoni għal ekwità ġenerali tal-proċedura. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, għandu jiġi nnotat li l-kuntest fattwali, kif jirriżulta mill-proċess, ma juri ebda raġuni imperattiva li tista' tiġġustifika r-rifjut ta' assistenza legali.

94. Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat għall-kompletezza li, sa fejn prattika amministrattiva jew ġudizzjarja tirrifletti ġeneralment il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, sakemm ma jkunx hemm ksur iżolat tad-dritt nazzjonali, il-konklużjonijiet li l-qorti tar-rinviju ser tislet mill-evalwazzjoni tagħha tal-fatti għandhom ukoll jippermettulha tistabbilixxi jekk l-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva 2013/48 jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

*4. Risposta għat-tielet domanda preliminari*

95. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tfittxija fiżika u qbid ta' beni illegali jsiru mingħajr ma l-persuna kkonċernata tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed

45 Qorti EDB, 24 ta' Ġunju 2008, Foka vs It-Turkija (CE:ECHR:2008:0624JUD002894095, punt 78).

46 Qorti EDB, 26 ta' Ġunju 2014, Krupko *et* vs Ir-Russja (CE:ECHR:2014:0626JUD002658707, punt 36).

47 Qorti EDB, 13 ta' Settembru 2016, Ibrahim *et* vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2016:0913JUD005054108, punt 225).

48 Qorti EDB, 12 ta' Mejju 2017, Simeonovi vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2017:0512JUD002198004, punt 116).

fil-kuntest ta' "interrogazzjoni" mill-pulizija [avveniment imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu] jew wara "ċaħda tal-libertà" [avveniment imsemmi fil-punt (c)]. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali jaqgħux taħt wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet.

## VI. Konklużjoni

96. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit, il-Bulgarija):

1) Is-sitwazzjonijiet fattwali li fihom atti vinkolanti, bħal tfittxija fiżika u/jew qbid, ikunu twettqu matul investigazzjoni kontra persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi informata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà.

2) Il-kunċett ta' "persuna ssuspettata" fis-sens tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Persuna li hija ssuspettata *de facto* li wettqet reat kriminali għandha l-kwalità ta' "persuna ssuspettata" fis-sens ta' dawn id-direttivi, anki jekk id-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix dan l-istatus proċedurali u ma jagħtix lill-persuna ssuspettata d-drittijiet dovuti lilha. L-imsemmija direttivi jipprekludu leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li permezz tagħhom id-drittijiet tad-difiża jitnisslu biss mill-mument li fih il-persuna kkonċernata titqiegħed formalment taħt l-istatus ta' "persuna akkużata", peress li dan l-att iseħħ, bħala kundizzjoni preliminari għall-applikazzjoni tad-drittijiet u tal-garanziji proċedurali previsti mid-dritt nazzjonali, b'osservanza sħiħa tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni, li ma hijiex obbligata tinforma lill-persuna ssuspettata *de facto* bis-suspetti li huma ta' piż fuqha mill-iktar fis possibbli.

3) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettività, ma jipprekludix li Stat Membru jillimita l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta' koerċizzjoni ta' ġbir ta' provi għal-legalità formali tagħhom jekk, sussegwentement, fil-kuntest tal-proċess kriminali, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu tkun f'pożizzjoni li tivverifika li d-drittijiet tal-persuna kkonċernata li jirriżultaw mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikunu ġew iggarantiti

4) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/48 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tfittxija fiżika u qbid ta' beni illegali jsiru mingħajr ma l-persuna kkonċernata tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed fil-kuntest ta' interrogazzjoni mill-pulizija jew wara ċaħda tal-libertà. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali jaqgħux taħt wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet.